MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 975/1999/1

**St. George's Bay Hotel Limited u Tourist Hotels Limited**

**vs**

**Carmelo Zammit u Brian Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 28 ta' April 1999 fejn esponiet: -

Illi s-socjetajiet atturi huma propjetarji ta' porzjoni ta' art li tinsab fil-bajja ta' San Gorg f'San Giljan kif jirrizulta mill-kuntratti fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt tat-13 ta' Jannar 1975 u n-Nutar John Spiteri Maempel tat-18 ta' Awwissu 1962 annessi u markati Dok A u Dok B;

Illi l-konvenuti jew min minnhom qeghdin jokkupaw illegalment u minghajr titolu jew kunsens tal-atturi partijiet minn din l-art li qed jigu ndikati bil-kulur ikhal fuq l-annessa pjanta li qed tigi annessa u markata Dok X; il-partijiet tal-art li qed jigu llegalment okkupati mill-konvenuti jinsabu deskritti f'aktar dettal fl-annessa dikjarazzjoni;

Illi l-konvenuti bnew xi strutturi minghajr permess fuq l-art proprjeta` tal-atturi;

Illi l-konvenuti, interpellati sabiex jivvakaw l-art hekk okkupata minnhom, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1998, baqghu inedempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja jekk ikun mehtieg dikjarazzjoni illi l-art in kwistjoni tappartjeni lis-socjetajiet istanti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw art appartenenti lill-atturi ossia dawk iz-zoni indikati fl-annessa pjanta mmarkat Dok X fil-Bajja ta' San Gorg, f'San Giljan minghajr ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement;

2. Tikkundannhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti ghal dan il-ghan, jizgumbraw u jivvakaw l-art minnhom okkupata filwaqt li fl-istess termini jiddemolixxu taht id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti kull bini jew struttura li huma bnew jew ghamlu fuq din l-art sabiex jirripristinaw l-art tal-atturi fl-istat li din kienet qabel ma okkupawha illegalment;

3. Tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet kollha ta' demolizzjoni mehtieg u l-irripristinar tal-art tas-socjetajiet attrici f'kaz illi l-konvenuti jibqghu inadempjenti fit-terminu moghti lilhom u dan taht id-direzzjoni tal-perit citat u bi spejjez tal-konvenuti; u

4. F'kaz illi x-xoghol ta' demolizzjoni jsir u jithallas mis-socjetajiet attrici, tikkundannahom ihallsu lill-atturi l-ispejjez kollha mahruga minnhom ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1998, li huma ngunti minn issa biex jidhru personalment in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta' Novembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 9 ta' Novembru 1999 (fol 58) fejn esponew: -

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigetatti bl-ispejjes *stante* li huma fattwallment u legalment skorretti.

2. IIli attwalment il-konvenuti kienu akkwistaw bicca art minghand is-socjetajiet attrici u wara li kienu ilhom in okkupazzjoni taghha ghal diversi snin, irrizulta li f'dik il-koncessjoni kien sar zball u ghalhekk intalbu sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' att korrettorju.

3. IIli bejn dawn iz-zewg eventi l-esponenti, li kienu in pussess tal-art mertu tal-kawza, kienu gew mitluba mill-gvern malti sabiex jigi kostruwit tarag fl-interess pubbliku fuq parti minn din l-art li fil-fatt kienet gia ilha fil-pussess tal-gvern u asfaltata, u fil-fatt dan it-tarag inbena minghajr ma kienet giet esproprijata l-bicca art necessarja.

4. Meta kien mar il-perit imqabbad mill-atturi sabiex ikejjel l-art li skonthom kienet giet koncessa zbaljatament lill-konvenuti, dan lanqas biss ma ikkonsidra l-imsemmija art fejn hemm it-tarag mibni u ghalhekk meta saru l-kalkolazzjonijiet relattivi bejn il-kontendenti, l-art mertu tal-kawza lanqas biss ma giet imkejjla billi kienet giet konsidrata mill-partijiet bhala wahda li gia kienet moghtija lill-awtoritajiet kompetenti.

5. Ghall-precizjoni jinghad li dan l-imsemmi tarag inbena a spejjes tal-esponenti, li ppreferew li ma jordmux l-art taht it-tarag u kienu u ghadhom jaghmlu uzu minnha. Il-Gvern Malti kien tahom il-permess li ma jsir ebda radam ta’ taht it-tarag. Is-sur Alfred Galea, in rapprezentanza tas-socjetajiet attrici, kien ikun prezenti waqt li kien qed jinbena dan it-tarag u qatt ma sab ebda oggezzjoni ta’ xejn ghal dan il-fatt; kien jaf bih meta kien mar il-perit tieghu jiddelineja l-art li kellha tinghata lura mill-konvenuti lis-socjetajtiet attrici u l-istess ma semma’ xejn. Kwindi ma jistax issa, wara dan iz-zmien kollu, jippretendi li ghad ghandu xi drittijiet fuq xi artijiet li kienu koncessi originarjament lill-konvenuti.

6. Illi ghalhekk l-imsemmija art ma hijiex tas-socjetajiet attrici izda kienet u baqghet proprjeta` tal-esponenti, li minnha l-Gvern Malti ried, pero` ghadu ma attwax, jesproprja dik il-parti li giet attwalment uzata bhala tarag ghall-pubbliku in generali u li ghad hemm strixxa li wkoll tintuza mill-pubbliku in generali.

Rat ir-relazzjoni tal-Espert Gudizzjarju l-Perit David Pace pprezentata fid-19 ta’ Gunju 2006 a fol 93 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2007 (fol 148) mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti ordnat illi f’ kull haga li jehtigilhom jaghmlu l-istess Periti addizzjonali ghandhom jiehdu hsieb li jinnotifikaw ukoll lill-Kumpanija Entertainments Ltd u lil Mark Simon Grima, u l-Avukati taghhom Dr. Toni Abela li huma l-partijiet interessati fl-atti tal-kawza 1487/2001 illi qieghda tinstema’ flimkien ma’ din il-kawza kif imsemmi fid-digriet fl-atti ta’ dik il-kawza fit-22 ta’ Jannar 2002; u l-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2007 fejn Dr. Joseph Schembri ghamel referenza ghan-nota tal-konvenuti tal-1 ta’ Ottubru 2007 u ddikjara li kien avza wkoll lill-Periti addizzjonali bir-renunzja tal-konvenuti ghall-hatra taghhom. Il-Qorti hasret *contratio imperio* d-digriet taghha tas-17 ta’ April 2007 u ordnat lill-Periti addizzjonali biex jghaddu lura l-process lill-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2008; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012

fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Settembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza istitwita mis-sidien ta' porzjoni art li tinsab fil-Bajja ta' San Gorg ghar-ripresa pussess tal-istess art peress li din tinsab okkupata mill-konvenuti minghajr ebda titolu jew kunsens da parti taghhom.

Il-konvenuti opponew ghat-talbiet attrici billi jghidu li huma infondati.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjetajiet atturi xtraw porzjoni art fil-Bajja ta' San Gorg, f'San Giljan permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt tat-13 ta' Jannar 1975 u tan-Nutar John Spiteri Maempel tal-18 ta' Awwissu 1962 (**Dokti. A. u B.** annessi mac-citazzjoni).

Il-konvenuti akkwistaw porzjoni art mis-socjetajiet attrici b'att tan-Nutar Anthony Gatt tat-2 ta' April 1990 li gie korrett sussegwentement b'att tal-istess Nutar tat-22 ta' Marzu 2004 **(Dokti. C u D** annessi mac-citazzjoni). F'dan l-att korrettorju, l-partijiet qablu fuq iz-zoni trasferiti li gew fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt, u esebit bhala **Dok.X.** mac- citazzjoni. Sakemm sar l-att korrettorju, il-konvenuti kienu fil-pussess tal-art in kwistjoni.

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, hatret lill-Perit Tekniku AIC David Pace[1] f'din il-kawza.

[1] Digriet tal-5 ta' Mejju 2000.

**Rapport tal-Perit Tekniku**[2]

Il-perit tekniku acceda fuq il-post u wara li ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebiti kkonkluda li gie ppruvat li s-socjeta` konvenuta kienet qed tokkupa art aktar milli hadet permezz tal-att korrettorju tat-22 ta' Marzu 1994, pero' mhux daqs kemm kien gie ndikat mis-socjeta` attrici. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta qieghdha tokkupa l-art immarkata bl-ittri u numri "**D-1-Y-Z-I-H-G-F-E-D**-" fuq il-pjanta esebita bhala **DOK.A1** a fol 105 tal-process waqt li l- porzjoni mmarkata minnu **"Y-2-3-Z"** fuq l-istess pjanta **DOK A1** ma tirrizultax li tappartjeni lis-socjeta` attrici.

Din hija parti mill-art fejn jinstab it-tarag u l-pont ghall-Bay Street u li skont is-survey esebit mis-socjeta` attrici stess ma kenitx tifforma parti mill-art originarjament akkwistata minnha.

Jirrizulta mix-xhieda rapportata mill-Perit Tekniku[3] li s-socjeta` attrici kienet bieghet bicca art b'kiosk fuqha lill-konvenuti u dan permezz tal-att imsemmi tan-Nutar Anthony Gatt tat-2 ta' April 1990.[4] Waqt li kien qed jizviluppaha, kellu l-bzonn li jutilizza bicca art ohra, fit-tarf tal-Punent, lejn il-bajja, u spicca billi xtara din il-bicca art ukoll u sar att korrettorju fis-sena 1994.[5] Waqt l-izvilupp, l-attur nomine sostna li l-konvenuti nvadew l-art taghhom kif kien indikat bil-*blu* fuq il-pjanta **DOK.X.**

**Il-konvenut** Brian Zammit xehed[6] li malli xtraw l-art fis-sena 1990, applikaw ghall-permessi tal-bini u bdew jizviluppaw l-art. Kienet saritilhom pressjoni biex jibnu tarag pubbliku. Dan kien lehaq tlesta meta l-attur nomine qallu li kien sar zball u difatti gew intavolati proceduri ghall-korrezzjoni tal-att. Ittransigew dawn il-pendenzi billi huma zammew dak li bnew u kellhom jirritornaw il-kumplament. Qabel ma nqalghet din il-kwistjoni certu Charlie Abela kien rema' gabbana fil-ponta ta' isfel lejn il-

---

[2] esebit a fol.93 tal-process.
[3] Traskrizzjoni a fol 118 tal-process.
[4] **Dok.C.** anness mac-citazzjoni
[5] **Dok.D.** anness mac-citazzjoni.
[6] Xhieda rapportata a fol 122 tal-process.

bajja u x-xhud kien anke pproceda kontrih biex jizgumbrah. Meta iffirmaw l-att korrettorju, it-tarag pubbliku kien ilu mibni u uzat mill pubbliku waqt li l-ispazju ta' taht it-tarag kien uzat u okkupat mix-xhud bhala kcina bil-permessi.

Xehed ukoll li "*Iz-zewg porzjonijiet art divizi permezz tar-rampa jew sqaq antik kienu originarjament tal-Villa Rosa u imbaghad saru t-tnejn taghna*. *Ir-rampa kienet pubblika."*

Hu xehed li meta ffirma l-att korrettorju fehem illi kien ser jibqalu l-bini kollu nkluz t-tarag u kuridur fil-genb. Madanakollu meta gie muri l-pjanta **DOK A2** qabel li, fil-parti mdawra bl-ittri bl-ahmar, ma kienux inkluzi l-*area* ta' taht it-tarag pubbliku u l-parti tal-genb fuq in naha tal-Lvant tal bini.

L-attur nomine kien konsapevoli b'dan l-uzu ghaliex kien jaqsam min-naha ghall-ohra biex imur mill-Villa Rosa Complex sa' l-ufficju tieghu kif ukoll kien dahal fil-post u kien ra x'kien hemm.

Il-Perit Tekniku osserva li ghalkemm mix-xhieda jidher li sar att korrettorju wiehed fit-22 ta' Marzu 1994, il-kopja esebita bhala Dokument "D" a fol 42 u kopja ohra esebita bhala Dokument "A3" mill-attur a fol 107 **(DOK A3**), ghalkemm it-tnejn igibu l-istess data tat-22 ta' Marzu 1994, mhumiex l-istess. Filwaqt li d-**Dok D,** li hu att korrettorju, sehh mal-konvenut Carmelo Zammit, il-kuntratt esebit bhala **Dok A3** sehh bejn is-socjetajiet ***Land Sea Enterprises Ltd. u St. George's Bay Hotels Ltd*** u l-konvenut Brian Zammit.

Permezz tal-kuntratt esebit bhala Dok. C. tat 2 ta' April 1990[7] is-socjeta` attrici bieghet lill-Carmel Zammit porzjoni art maghrufa bhala *Licari's field* bil-kejl ta' 492 square canes. Dan il-kejl gie korrett bl-Att esebit bhala Dok.D. a fol 42 tat-22 ta' Marzu 2004 u l-art trasferit gie muri fuq il-pjanta **DOK B** li giet annessa mal-att.

[7] Fol. 38 tal-process.

Il-kuntratt esebit bhala **DOK A3** *invece,* jikkoregi att iehor tat-2 ta' April 1990 ukoll tan-Nutar Anthony Gatt li, permezz tieghu, l-akkwirent Brian Zammit akkwista kiosk flimkien mal-art ta' madwaru li jgib l-isem *Il-Hofra ta' San Gorg.*

Il-Perit irrapporta li vverifika l-pjanti esebiti maz-zewg kuntratti u sab li jekk wiehed jara l-pjanta esebita bhala Dokument **"A2"** mill-attur illi hija s-*survey* illi fuqha sar il-kuntratt korrettorju, wiehed jara illi din hija mmarkata bhala Dokument "C" minn Nutar illi awtentika l-pjanta stess. Din allura tirrizulta illi hija l-pjanta ta' l-att Dokument "A3". Ix-xhud Brian Zammit stqarr li din l-pjanta **DOK A2** kienet is-*survey* maghmul mill-persuna li kien qabbad hu. Il-Perit ottjena kopja ufficjali tal-pjanta illi kienet immarkata bhala Dokument "B" annessa mal-kuntratt esebit Dokument "D" u esebiha bhala Dokument **"DP1".** Madanakollu osserva din il-pjanta hija biss skizz peress illi la fiha skala u lanqas indikazzjoni ta' qisien hlief il-kejl totali li hemm u "*ma tistax tigi mqabbla mal-pjanti l-ohra peress illi kif qed jinghad m'hemmx punti ta' riferiment fuq x'hiex wiehed jista' jibbaza. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent irid joqghod fuq id-Dokument "A2" illi hija l-pjanta annessa mad-Dokument "A3"."*

Ghalhekk biex wasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq rapportata qabbel il-qisien u tifsila tal-bini murija fuq is-*survey* **(DOK.A1)**, esebita mis-socjeta` attrici, li jindika l-konfini tal-art kollha akkwistata mis-socjeta` attrici, mal-istess qisien u tifsila murija fuq il-pjanta esebita mill-konvenuti u immarkata **DOK.A2.** Qabbel ukoll l-*area* issingjata bil-*blu* fuq id-dokument immarkat bhala **DOK.X** mal-pjanta **DOK A2,** u ntraccja l-istess *area* fuq id-**DOK A1** sabiex jistabbilixxi kif kienet tinkwadra l-art ordinarjament akkwistata mis-socjeta` attrici u wasal ghall-konkluzjonijiet minnu rapportati li ser jigu addottati minn din il-Qorti.

**Valur Probatorju ta' Relazzjoni Peritali.**

**Ikkonsidrat li** l-Perit wasal ghall-konkluzjonijiet akkurati tieghu wara li acceda fuq il-post, u sema' lix-xhieda prodotti f'din il-kawza. Kif inghad fis-sentenza **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited** (Prim'Awla Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru, 2006) u s-sentenzi hemm citati, "*l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m'hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista tiskarta kull prova ohra*[8]." Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova. (**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**, Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001). *"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku."* **("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca",** Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi :*"F' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati"* – **Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine,** Appell, 9 ta' Frar 2001."

[8] Art 681 tal-Kap.12.

Kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et (**Appell Civili deciz fit-23 ta' Gunju 1967, Vol LI.I.390) ir-rapport tieghu, li hu *gudizio dell'arte* ma ghandux jigi skartat facilment *multo magis,* fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, "*ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*".

Ikkonsidrat li l-vertenza tikkonsisti f'apprezzament ta' fatti li huma ta' natura teknika. L-espert minnha nkarigat mexa fuq qbil tal-kejl u tfassil tal-pjanti esebiti miz-zewg partijiet fil-kawza.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taddotta l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser taddotta u taghmel taghha il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku David Pace li jinsab fir-rapport tieghu *a fol*. 93 *et sequitur* tal-process fejn ikkonkluda li gie ppruvat li s-socjeta` konvenuta kienet qed tokkupa art <u>aktar milli hadet</u> permezz tal-att korrettorju tat-22 ta' Marzu 1994, pero' mhux daqs kemm kien gie ndikat mis-socjeta` attrici. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta qieghdha tokkupa l-art immarkata bl-ittri u numri "**D-1-Y-Z-I-H-G-F-E-D**-" fuq il-pjanta esebita bhala **DOK.A1** a fol 105 tal-process waqt li l-porzjoni mmarkata minnu **"Y-2-3-Z"** fuq l-istess pjanta **DOK A1**[9] (Il-parti mill-art fejn jinstab it-tarag u l-pont ghal *Bay Street)* illi s-socjeta` attrici qed tivvanta pretensjoni fuqha ma tirrizultax li tappartjeni lis-socjeta` attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu li huma nkompatibbli mad-decizjoni taghha u:

---

[9] Para 15 a fol 98 tar-rappport

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** fis-sens illi tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw art appartenenti lill-atturi minghajr ebda titolu validu skont il-ligi limitatament ghall-art delinejata bl-ittri u numri "**D-1-Y-Z-I-H-G-F-E-D**-" fuq il-pjanta esebita bhala **DOK.A1** a fol 105 liema pjanta ghandha titqies li hija parti ntegrali ta' din is-sentenza.

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici u tikkundanna** lill-konvenuti sabiex fi zmien perentorju ta' tletin (30) gurnata, jizgumbraw miz-zona hekk delinejata u jiddemolixxu kull bini jew struttura li huma bnew jew ghamlu f'dik l-istess zona sabiex l-art tigi ripristinata fl-istat li kienet qabel ma okkupawha llegalment, u dan taht id-direzzjoni tal-Perit AIC Alan Saliba li qed jigi nominat ghal dan il-ghan.

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici** u tawtorizza lis-socjeta` attrici li taghmel ix-xoghlijiet kollha ta' demolizzjoni li jkunu mehtiega u tal-irripristinar tal-art taht id-direzzjoni tal-istess perit nominand f'kaz li l-konvenuti jibqghu inadempjenti fit-terminu lilhom moghti.

4. **Tilqa' ir-raba' talba attrici.**

L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Perit nominand u tad-demolizzjoni u ripristinar jithallsu mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------